IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2014
COM(2014) 592 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni fil-perjodu mill-4 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012 ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta’ operatur tat-trasport bit-triq

(L-ewwel rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-eżerċizzju ta' operatur tat-trasport bit-triq)

I. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jirreferi għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009") japplika għall-impriżi kollha stabbiliti fl-UE li jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, kif ukoll għal dawk li beħsiebhom jibdew jeżerċitaw it-tali professjoni. Il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tirreferi kemm għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tal-merkanzija[2] kif ukoll għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri[3]. Ċerti kategoriji ta' impriżi, bħal dawk li jużaw vetturi bil-mutur b'massa mgħobbija ta' inqas minn 3.5 tunnellati, huma eżentati mill-ambitu tar-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw id-dħul għall-professjoni tal-operaturi tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

Skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, l-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' operaturi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu stabbiliti b'mod effettiv u stabbli fi Stat Membru, ikunu ta' reputazzjoni tajba, ikunu f'pożizzjoni finanzjarja xierqa u jħaddnu l-kompetenza professjonali meħtieġa. Barra minn hekk, l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament jimponi obbligu fuq l-impriżi tat-trasport bit-triq li jaħtru maniġer tat-trasport li jkollu ċertifikat ta' kompetenza professjonali li jikkonferma li huwa għandu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex imexxi l-operazzjonijiet tat-trasport f'konformità mar-rekwiżiti legali u industrijali kollha u b'mod effettiv u kontinwu. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà jivverifikaw li l-impriżi tat-trasport ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Barra minn hekk, organizzazzjoni tajba tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri hija importanti ħafna biex ikun hemm titjib fl-effikaċja tal-monitoraġġ tal-impriżi li joperaw fl-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jistabbilixxi diversi dati ta' skadenza:

- kull sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-dejta kif meħtieġ fl-Artikolu 26 tar-Regolament;

---

[1] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

[2] Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament, "il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tal-merkanziji" tfisser l-attività ta' kull impriża li twettaq trasport tal-merkanzija għal terzi persuni, jew permezz ta' vetturi bil-mutur, jew permezz ta' gruppi ta' vetturi.

[3] Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament "il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri" tfisser l-attività ta' kull impriża li tagħti servizzi, permezz ta' vetturi bil-mutur mibnija u attrezzati b'tali mod li jkunu adatti biex iġorru aktar minn disa' persuni, inkluż is-sewwieq, u intenzjonati għal dak l-iskop, ta' trasport tal-passiġġieri għall-pubbliku jew għal kategoriji speċifiċi ta' utenti, bi ħlas mill-persuna ttrasportata jew mill-organizzatur tat-trasport.

- abbażi tas-sottomissjonijiet mill-Istati Membri, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rapporti nazzjonali li l-Istati Membri jipprovdu jikkostitwixxu kontribut kruċjali għar-rapport tal-Kummissjoni. L-Artikolu 26 tar-Regolament jiddefinixxi liema dejta għandha tiġi inkluża fir-rapporti nazzjonali:

"(a) analiżi tas-settur f'dak li għandu x'jaqsam mar-reputazzjoni tajba, il-kapaċità finanzjarja u l-kompetenza professjonali;

(b) in-numru ta' awtorizzazzjonijiet li ngħataw skont is-sena u t-tip, dawk li ġew sospiżi, dawk li ġew irtirati, in-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' inkompetenza u r-raġunijiet li fuqhom kienu bbażati dawk id-deċiżjonijiet;

(c) in-numru ta' ċertifikati ta' kompetenza professjonali li nħarġu kull sena;

(d) statistika prinċipali dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali u l-użu tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti; u

(e) analiżi tal-iskambji ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra skont l-Artikolu 18(2), li tinkludi partikolarment in-numru annwali ta' każi ta' ksur li ġew innotifikati lil Stati Membri oħra u t-tweġibiet mibgħuta lura, u n-numru annwali ta' talbiet u ta' tweġibiet mibgħuta lura skont l-Artikolu 18(3)."

Minbarra din l-introduzzjoni, ir-rapport jinkludi tliet taqsimiet li jkopru l-kwalità u l-puntwalità tas-sottomissjonijiet tad-dejta nazzjonali (it-Taqsima II) u analiżi tar-rapporti mogħtija mill-Istati Membri (it-Taqsima III). It-Taqsima IV tippreżenta l-konklużjonijiet li ntlaħqu.

II. Preżentazzjoni tad-dejta

Dan huwa l-ewwel rapport skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u jkopri l-perjodu mill-4 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012 sabiex il-pubblikazzjoni tiegħu tiġi ssinkronizzata mar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq[4], kif stipulat fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Il-punt tat-tluq ta' dan il-perjodu taż-żmien jikkorrispondi mad-data minn meta dan ir-Regolament beda japplika. Il-perjodu ta' rappurtar li jmiss se jkopri l-perjodu kollu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014.

[4] imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Minkejja l-obbligu, mogħti fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament, li jsir rapport, fil-mument meta ġie abbozzat dan ir-rapport, sitt Stati Membri, jiġifieri l-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Portugall, ma bagħtux ir-rapporti nazzjonali tagħhom. Xi Stati Membri damu ħafna biex bagħtu d-dejta tagħhom sal-iskadenza tat-30 ta' Settembru 2013, u dan affettwa b'mod sinifikanti ż-żmien ta' tħejjija ta' dan ir-rapport tal-Kummissjoni. F'għadd ta' rapporti, ċerta informazzjoni meħtieġa ma ġietx ipprovduta, u dan ħoloq diffikultà biex titwettaq analiżi komprensiva. Hemm ukoll każijiet fejn id-dejta pprovduta kienet tkopri żmien differenti minn dak meħtieġ.

Mhux l-Istati Membri kollha pprovdew ġustifikazzjoni għad-dewmien fit-tressiq tar-rapporti tagħhom jew għal-lakuni fid-dejta li bagħtu. Dawk li pprovdew ġustifikazzjoni qalu li d-diffikultajiet biex jikkollegaw ir-reġistru nazzjonali tagħhom mar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq ma ħallewhomx jipprovdu dejta dwar dan is-suġġett. Oħrajn indikaw li ċerti termini tar-rekwiżit tar-rappurtar ma kinux ċari, bħar-referenza għall-"istatistika prinċipali". Fl-aħħar nett, ċerti Stati Membri fejn l-awtoritajiet lokali jew reġjonali huma responsabbli għall-infurzar innutaw li l-ġbir ta' dejta mingħand dawn l-awtoritajiet kien ta' sfida.

Għandu jitqies li għalkemm il-kontenut tar-rapport huwa spjegat fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ma hemm stabbilit l-ebda format standard għar-rappurtar. Għall-finijiet tal-konsistenza u sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġu megħjuna jissodisfaw l-obbligu tar-rappurtar tagħhom fil-futur, se tiġi proposta formola standard lill-Istati Membri wara l-analiżi tas-sottomissjonijiet nazzjonali.

III. <u>Analiżi tad-dejta dwar l-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq</u>

1. Analiżi tas-settur tat-trasport bit-triq f'dak li għandu x'jaqsam mar-reputazzjoni tajba, mal-kapaċità finanzjarja u mal-kompetenza professjonali

Din il-parti tikkonsisti fi preżentazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali, tal-organizzazzjoni tal-kontrolli, tal-livell ta' konformità u tad-diffikultajiet li nqalgħu, fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri. Minħabba n-natura frammentarja tar-rapporti tal-Istati Membri, din l-analiżi mhijiex komprensiva fl-ambitu tagħha.

Id-dejta dwar is-sistemi nazzjonali għall-għoti ta' aċċess għall-professjoni ġiet ippreżentata mill-Awstrija, minn Franza, mill-Italja, mis-Slovakkja u mir-Repubblika Ċeka. Żewġ Stati Membri, jiġifieri l-Awstrija u s-Slovakkja, imponew rekwiżiti nazzjonali li jridu jiġu ssodisfati b'mod parallel mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Is-Slovakkja żiedet rekwiżit li jiddefinixxi l-età ta' 21 sena bħala l-età minima għal maniġer tat-trasport. L-Awstrija inkludiet kundizzjoni li biha operatur tat-trasport bit-triq irid ikollu l-ispazji meħtieġa għall-parkeġġ li ma jkunux fit-triq fil-muniċipalità jew f'muniċipalità oħra fl-istess distrett amministrattiv jew f'distrett li jmiss miegħu.

Franza ddeċidiet li testendi l-obbligu ta’ konformità mar-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni ta' impriża tat-trasport bit-triq għat-trasportaturi tal-merkanzija bit-triq li jużaw vetturi b’massa mgħobbija permissibbli li ma taqbiżx it-3.5 tunnellati u għal impriżi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri li jużaw vetturi tajbin biex iġorru inqas minn disa’ passiġġieri. Barra minn hekk, hija ssimplifikat il-proċeduri amministrattivi b’rabta mal-kapaċità finanzjarja.

Fir-Repubblika Ċeka, hemm erba’ tipi ta’ awtorizzazzjonijiet għall-impriżi tat-trasport bit-triq. Dawn huma: (i) vetturi tal-passiġġieri għat-trasport ta’ aktar minn disa’ persuni, inkluż is-sewwieq, (ii) vetturi tal-merkanzija jew vetturi kombinati, li l-massa mgħobbija permissibbli tagħhom taqbeż it-3.5 tunnellati, (iii) vetturi tal-passiġġieri għat-trasport ta’ mhux iktar minn disa’ persuni, inkluż is-sewwieq, u (iv) vetturi tal-merkanzija jew vetturi kombinati li l-massa mgħobbija permissibbli tagħhom ma taqbiżx it-3.5 tunnellati. L-impriżi li jaqgħu fl-ewwel żewġ kategoriji għandhom l-obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

L-Italja indikat li kienu qed jitħejjew għall-adozzjoni regoli li jipprevedu analiżi ta’ x’jikkostitwixxi ksur skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ u tal-penali assoċjati. L-Italja qed tfassal ukoll miżuri proċedurali li l-awtorità kompetenti tista’ tieħu jekk, f’każijiet speċifiċi, hija ssib li t-telf tar-reputazzjoni tajba jkun sproporzjonat mal-ksur. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Taljani qed itejbu l-proċeduri amministrattivi u tekniċi tagħhom sabiex jiżguraw li l-miżuri previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 ikunu effettivi. Barra minn hekk, l-Italja speċifikat id-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom meta ġiet biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżit tal-pożizzjoni finanzjarja f’ħin reali u minħabba kunċetti legali diverġenti ta’ garanzija stabbiliti fil-liġi nazzjonali, in-nuqqas ta’ poloz tal-assigurazzjoni korporattiva fi stadji bikrin u l-ġestjoni tal-proċeduri b’rabta ma’ dan ir-rekwiżit minn aktar minn mitt amministrazzjoni provinċjali indipendenti amministrattivament u indipendenti madwar l-Italja.

Spanja spjegat li l-kundizzjonijiet marbutin mal-kompetenza professjonali, mal-kapaċità finanzjarja u mar-reputazzjoni tajba kienu stretti ħafna fil-liġi nazzjonali u konsegwentement, ma kienet meħtieġa l-ebda bidla sinifikanti wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, minbarra emendi speċifiċi fil-leġiżlazzjoni fir-rigward tad-deskrizzjoni tan-nies li jaħdmu bħala maniġers tat-trasport.

Rigward l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-reputazzjoni tajba (l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009), is-Slovenja qieset li l-okkażjonijiet li fihom l-awtorità tal-liċenzji tista’ tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni ta' operatur tat-trasport jew tiddikjarah mhux adattat biex ikompli xogħlu ma kinux preċiżi.

Fir-rigward tal-kontrolli tal-konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda u l-Latvja spjegaw is-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom.

L-Estonja qalet li l-kontrolli jitwettqu skont sistema bbażata fuq ir-riskji u li fil-mira tagħhom ikun hemm prinċipalment l-impriżi li għandhom riskju akbar li jwettqu ksur serju jew frekwenti tar-regoli tat-trasport bit-triq.

Fl-Irlanda, il-kontrolli tar-reputazzjoni tajba, tal-pożizzjoni finanzjarja u tal-kompetenza professjonali jitwettqu mill-anqas kull ħames snin fil-qafas ta' proċess tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għal kull impriża, minħabba li awtorizzazzjoni tinħareġ għal dan il-perjodu limitat taż-żmien. Barra minn hekk, dawn il-kontrolli jistgħu jseħħu aktar ta' spiss għal xi operaturi li huma meqjusa ta' riskju għoli jew li ssir taf bihom l-awtorità kompetenti. Ir-reputazzjoni tajba tiġi ċċekkjata billi jsir stħarriġ bir-reqqa dwar il-maniġer tat-trasport u dwar kwalunkwe persuna rilevanti oħra mis-Servizz ta' Skrutinju Nazzjonali tal-Korp tal-Pulizija Nazzjonali. Dan is-servizz ta' skrutinju jagħti lill-awtorità kompetenti lista ta' kundanni ta' ħtija li tista' tintuża biex tiġi stabbilita r-reputazzjoni tajba.

Fil-Latvja, il-kontrolli tal-konformità mal-pożizzjoni finanzjarja jitwettqu billi tintuża l-informazzjoni meħuda mir-rapporti annwali pprovduti mir-Reġistru tal-intrapriżi.

L-Ungerija indikat l-għadd ta' kontrolli dwar il-kundizzjonijiet ta' reputazzjoni tajba, il-kapaċità finanzjarja) u l-kompetenza professjonali li saru matul dan il-perjodu ta' rappurtar (li kienu 11 062, 7 197 u 5 329 rispettivament).

Sitt Stati Membri, jiġifieri Ċipru, l-Estonja, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta u s-Slovenja indikaw li kien hemm rata għolja ta' konformità min-naħa tal-impriżi tat-trasport bit-triq li joperaw fis-settur mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

2. Awtorizzazzjonijiet

Mid-dejta pprovduta ħareġ li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma jirrappurtawx dwar l-awtorizzazzjoni fis-sens tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, "awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq" tfisser deċiżjoni amministrattiva li tawtorizza lil impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament biex teżerċita l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq.

Hemm firxa ta' xenarji, skont l-iskemi nazzjonali: l-awtorizzazzjoni tista' tkun prerekwiżit biex tinkiseb liċenzja għat-trasport nazzjonali u/jew liċenzja tal-Komunità għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija, tista' tkun l-ekwivalenti ta' liċenzja għat-trasport nazzjonali jew tista' tfisser liċenzja għat-trasport nazzjonali u internazzjonali mogħtija permezz tal-awtorizzazzjoni unika. Madankollu, minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet, id-dejta kwantitattiva mressqa mill-Istati Membri ma tagħtix stampa ċara dwar l-għadd ta' impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Għal dan il-għan, **l-Istati Membri huma mħeġġa jħejju deskrizzjoni tal-arranġamenti nazzjonali tagħhom għall-awtorizzazzjonijiet sabiex tkun tista' tinġabar dejta konsistenti fil-perjodu tar-rappurtar li jmiss.**

Diversi Stati Membri bagħtu ċ-ċifra globali ta' operaturi awtorizzati fihom fil-31 ta' Diċembru 2012, li tikkostitwixxi punt ta' referenza għad-dejta dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija, sospiżi jew irtirati. Ir-Repubblika Ċeka għandha kważi 95,600 operatur awtorizzat[5], l-Italja għandha madwar 81,000, ir-Renju Unit għandu aktar minn 53,500, l-Isvezja għandha madwar 18,000, il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom kważi 11,700, l-Irlanda għandha 5,800, il-Litwanja għandha 4,500 u s-Slovakkja għandha 2,800. L-Ungerija qalet li għandha ftit iktar minn 45,000 liċenzja valida.

Abbażi ta' din id-dejta, jidher li **l-biċċa l-kbira tal-impriżi awtorizzati huma trasportaturi tal-merkanzija bit-triq.**

Barra minn hekk, l-Estonja u Spanja pprovdew informazzjoni dwar l-għadd ta' liċenzji Komunitarji li kellhom fl-istess ħin, li kien 1,700 u 27,000 liċenzja rispettivament, madankollu huma ma taw l-ebda indikazzjoni dwar il-proporzjon li dawn jammontaw għalih mill-awtorizzazzjonijiet kollha għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Il-Bulgarija qalet li fit-13 ta' Jannar 2014 kien hemm madwar 10,300 trasportatur li kellhom fil-pussess tagħhom liċenzja Komunitarja.

2.1 L-awtorizzazzjonijiet mogħtija

Fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija, l-Istati Membri rrappurtaw dejta diverġenti, li ta' spiss kienet tirrigwarda l-liċenzji Komunitarji u l-liċenzji għat-trasport nazzjonali. Tnax-il Stat Membru biss[6] ipprovdew dejta dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u nofshom[7] semmew il-perjodu sħiħ stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Abbażi ta' din id-dejta, jista' jiġi nnutat li f'dawn it-tnax-il Stat Membru ngħataw madwar 171,000[8] awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq fl-oqsma tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali li ngħataw ivarja minn 900 fl-Irlanda għal 81,000 fl-Italja. Tabella ddettaljata bl-informazzjoni mressqa hija ppreżentata fl-Anness I ta' dan ir-rapport.

Mid-dejta pprovduta jirriżulta li l-ogħla kwantitajiet ta' awtorizzazzjonijiet ingħataw fl-Italja (81,000 awtorizzazzjoni, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija) u fi Spanja (kważi 31,000 awtorizzazzjoni, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għal dak tal-merkanzija). Dawn iċ-ċifri jistgħu jitqabblu mal-10,000 awtorizzazzjoni mogħtija għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fi Franza. Ta' min jinnota li din iċ-ċifra

[5] Din iċ-ċifra tirreferi għal erba' tipi ta' awtorizzazzjonijiet li jkopru t-trasport tal-passiġġieri b'vettura li tesa' aktar minn disa' min-nies u dak b'vettura li tesa' mhux aktar minn disa' min-nies u t-trasport tal-merkanzija b'vetturi li l-massa mgħobbija permissibbli tagħhom ma taqbiżx it-3.5 tunnellati u dak b'vetturi li l-massa mgħobbija permissibbli tagħhom taqbeż it-3.5 tunnellati. Dawn mhux kollha jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq.

[6] L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u l-Isvezja.

[7] L-Awstrija, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja u l-Isvezja.

[8] Dan l-ammont jinkludi l-awtorizzazzjonijiet mogħtija fl-2012 biss u matul il-perjodu kollu tar-rappurtar mill-4 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012.

tinkludi wkoll l-operaturi involuti fit-trasport tal-merkanzija b'vetturi li l-massa mgħobbija permissibbli tagħhom hija taħt il-limitu ta' 3.5 tunnellati u l-operaturi li joffru servizzi tat-trasport tal-passiġġieri b'vetturi li jesgħu anqas minn disa' persuni, inkluż is-sewwieq. Fi Spanja l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija jinkludi r-reġistrazzjonijiet, it-trasferimenti tal-impriżi, is-sostituzzjonijiet, il-bidla fit-tip, il-bidla fir-residenza, l-aġġornamenti, it-tneħħija ta' sospensjoni temporanja u l-akkwisti.

L-Istati Membri l-oħra ma pprovdew l-ebda spjegazzjoni dwar l-elementi li tinkludi l-kategorija tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija. Għall-finijiet tal-konsistenza tad-dejta jkun ta' benefiċċju li jintlaħaq ftehim komuni fuq livell Ewropew dwar x'tip ta' dejta għandha tiġi inkluża fil-kategorija tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija.

Barra minn hekk, il-proporzjon tal-awtorizzazzjonijiet għat-trasport bit-triq tal-merkanzija huwa fil-każijiet kollha mill-inqas darbtejn ogħla (fl-Irlanda) u kważi sebgħin darba ogħla (fi Spanja) mill-awtorizzazzjonijiet mogħtija għat-trasport tal-passiġġieri. Fi Franza biss ix-xejra hija bil-kontra - hemmhekk ingħataw aktar awtorizzazzjonijiet lil impriżi li kienu qed jaħdmu fit-trasport tal-passiġġieri. Dan jista' jkun li ġara minħabba li Franza ddeċidiet li twessa' l-ambitu tal-vetturi li għandhom l-obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

2.2 L-awtorizzazzjonijiet irtirati u sospiżi

Fuq il-bażi tad-dejta rrappurtata mill-Istati Membri, wieħed jista' jinnota li l-ogħla numru ta' rtirar ta' awtorizzazzjonijiet ġie rrappurat fi Spanja u kien jammonta għal kważi 37,600 awtorizzazzjoni għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Dan l-irtirar kien dovut għall-fatt li ma ngħatawx provi li ntlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tingħata awtorizzazzjoni, jew inkella seħħ fuq talba ta' applikant jew minħabba li waqfu l-operazzjonijiet. B'4,700 awtorizzazzjoni rtirata, Franza kellha t-tieni l-ogħla għadd ta' rtirar ta' awtorizzazzjonijiet għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, segwita mis-Slovakkja b'1,200, l-Isvezja b'965, ir-Repubblika Ċeka b'956 u s-Slovenja b'599 awtorizzazzjoni rtirata. Fil-Pajjiżi l-Baxxi aktar minn 1,000 awtorizzazzjoni ġew irtirati għat-trasport bit-triq tal-merkanzija biss.

Fit-tarf l-ieħor tal-iskala, il-Greċja rrappurtat 222 każ ta' rtirar għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, segwita mill-Polonja (bi 68), mil-Latvja (bi 58), mill-Ungerija (bi 33) u mill-Italja (b'31), filwaqt li fi Stati Membri oħra ma ġewx irtirati aktar minn 10 awtorizzazzjonijiet. Informazzjoni ddettaljata dwar l-awtorizzazzjonijiet sospiżi u rtirati hija inkluża fl-Anness II ta' dan ir-rapport.

In-numru ta' awtorizzazzjonijiet għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija li ġew irtirati kien akbar min-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija fi tliet Stati Membri biss, jiġifieri fis-Slovakkja, fi Spanja u fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-ikbar differenza bejniethom kienet fil-każ ta' Spanja, fejn ġew irtirati 6,600 awtorizzazzjoni aktar milli ngħataw. Din id-diskrepanza tista'

tkun akbar, meta wieħed iqis it-12,500 awtorizzazzjoni addizzjonali li ġew sospiżi fi Spanja. Fis-Slovakkja u fil-Pajjiżi l-Baxxi l-prevalenza ta' awtorizzazzjonijiet irtirati kienet inqas sinifikanti u kienet tammonta għal 46 u 229 rispettivament.

Xi Stati Membri bagħtu d-dettalji dwar ir-raġunijiet għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni. Fl-Awstrija, 9 minn 10 każijiet ta' rtirar seħħew minħabba li ma ġiex issodisfat ir-rekwiżit tal-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 dwar il-pożizzjoni finanzjarja xierqa ta' operatur tat-trasport bit-triq, u dan kien il-każ ukoll għall-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' rtirar li kien hemm fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fis-Slovenja r-raġunijiet għall-irtirar kienu jew l-istralċ ta' kumpanija jew l-iskadenza ta' liċenzja Komunitarja. L-Isvezja rrappurtat li 962 minn 965 każ ta' rtirar seħħ minħabba li ma ġiex issodisfat l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, li jirreferi għal rekwiżiti addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jimponu. Il-Litwanja kellha każ wieħed ta' rtirar li seħħ minħabba li ma ġiex issodisfat ir-rekwiżit tal-kompetenza professjonali u tliet każijiet li kienu marbutin ma' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit dwar l-indirizz tal-istabbiliment u dwar it-tibdil fid-dejta tal-maniġer tat-trasport.

3. Ċertifikati ta' kompetenza professjonali

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minn għoxrin Stat Membru, inħarġu aktar minn 52 000 ċertifikat ta' kompetenza professjonali. Dan in-numru jinkludi ċ-ċertifikati mogħtija abbażi ta' eżami kif previst bl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u permezz tar-rikonoxximent tal-esperjenza, skont eżenzjoni speċifikata fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.

Ir-Rumanija kien il-pajjiż li ħareġ l-akbar għadd ta' ċertifikati fl-Unjoni Ewropea matul dan il-perjodu tar-rappurtar, b'31.5 % tal-għadd totali ta' ċertifikati mogħtija u rrappurtati mill-Istati Membri, segwit minn Franza u Spanja (bi 11 % kull wieħed), mill-Italja u r-Repubblika Ċeka (bi 8 % kull wieħed), mill-Isvezja (b'6 %) u mill-Polonja (b'5 %). Mill-Istati Membri li bagħtu d-dejta, Malta hi l-uniku wieħed li rrapporta li ma nħareġ l-ebda ċertifikat ta' kompetenza professjonali matul il-perjodu ta' referenza. Informazzjoni ddettaljata dwar dan hija ppreżentata fl-Anness III ta' dan ir-rapport.

4. Maniġers tat-trasport iddikjarati mhux adattati

Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, meta maniġer tat-trasport jitlef ir-reputazzjoni tajba tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjarah mhux adattat biex imexxi l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[9] li ressqu dejta dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' persuni bħala mhux adattati, iddikjaraw li ma kienx hemm każ wieħed irreġistrat matul il-perjodu tar-rappurtar kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija. Erba' Stati Membri ħarġu dikjarazzjonijiet ta' persuni bħala mhux adattati. Dawn kienu Franza (li ħarġet 3 dikjarazzjonijiet)[10], l-Estonja (li ħarġet 14-il waħda)[11], l-Ungerija (li ħarġet 129 waħda)[12] u

[9] L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u s-Slovakkja.
[10] Fl-2012.
[11] Fl-istess sena.

l-Italja (li ħarġet 348 waħda)[13]. Franza speċifikat ir-raġunijiet għad-dikjarazzjonijiet ta' persuni bħala mhux adattati jew bħala frodi b'rabta mat-takografu jew bħala ksur serju tal-Kodiċi tat-triq. Fl-Ungerija, f'xi każijiet id-dewmien jew in-nuqqas tat-taħriġ regolari ta' kull 10 snin meħtieġ għall-maniġers tat-trasport wassal għat-telf tar-reputazzjoni tajba. Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri tinsab fl-Anness II ta' dan ir-rapport.

5. Skambju ta' informazzjoni

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, kull Stat Membru għandu jżomm reġistru nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jkunu ġew awtorizzati biex jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Ir-rekwiżiti minimi għad-dejta li trid tiddaħħal f'dawn ir-reġistri sabiex tiġi ffaċilitata l-interkonnessjoni bejn ir-reġistri tal-Istati Membri huma ddefiniti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE dwar ir-rekwiżiti minimi għad-dejta li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq[14]. L-istabbiliment tar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) kien maħsub bħala l-pass li jmiss biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-iskop ta' aktar titjib tal-infurzar transkonfinali tal-leġiżlazzjoni Ewropea għat-trasport bit-triq skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Ir-reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) għandu jissimplifika l-infurzar transkonfinali, u jagħmel dan l-infurzar aktar kosteffikaċi, dejjem jekk l-Istati Membri kollha jkunu konnessi miegħu u jużaw effettivament is-sistema għall-iskambju ta' dejta ta' kwalità għolja li tinsab fil-bażijiet tad-dejta tagħhom.

Abbażi tad-dejta pprovduta, jista' jiġi nnutat li s-**sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri għadha ma ġietx implimentata.** Xi Stati Membri, bħal Ċipru, il-Litwanja, Malta, ir-Repubblika Ċeka, il-Pajjiżi l-Baxxi u s-Slovakkja, indikaw li ma kien hemm l-ebda skambju ta' informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, u dan jista' jkun li ġara parzjalment minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Madankollu, prassi tajba ġew murija mill-Bulgarija, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja, fejn kien hemm skambju ta' informazzjoni matul dan il-perjodu tar-rappurtar. **Il-Kummissjoni tappoġġja aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva, li jwassal għal implimentazzjoni iktar konsistenti u effettiva fl-Istati Membri kollha tal-UE.**

Ir-reġistri nazzjonali kellhom ikunu interkonnessi sal-31 ta' Diċembru 2012. Bosta Stati Membri bagħtu informazzjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-ERRU. Ir-reġistru ma kienx operazzjonali f'Ċipru u Franza. L-Irlanda indikat li tinsab fl-aħħar stadju tal-implimentazzjoni ta' reġistru elettroniku ġdid tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-interkonnessjoni tiegħu se ssegwi f'qasir żmien. Is-Slovenja żgurat li l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 se tkun disponibbli għall-

[12] Matul il-perjodu tar-rappurtar.

[13] Dan in-numru jinkludi d-dikjarazzjonijiet maħruġa sas-26 ta' Settembru 2013.

[14] ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36.

perjodu tar-rappurtar li jmiss, wara li jitlesta r-reġistru elettroniku nazzjonali, li daħal fl-istadju finali tal-implimentazzjoni tiegħu. Franza pproponiet inizjattiva għal bażi tad-dejta komuni fil-livell Ewropew li tiġbor flimkien il-ksur kodifikat, skont il-prattiki tal-grupp imsejjaħ "Euro Contrôle Route".

IV. Konklużjonijiet

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Din l-informazzjoni tkopri ċerti aspetti tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 (kif elenkat fl-Artikolu 26(1)(a) sa (e) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009) fil-perjodu mill-4 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012.

Il-kwalità u l-puntwalità tas-sottomissjonijiet tal-Istati Membri kienet influwenzata ħafna mill-fatt li dan huwa l-ewwel perjodu tar-rappurtar. Minħabba li hemm ammont kbir ta' dejta nieqsa, ir-rapport tal-Kummissjoni ma jagħtix analiżi sħiħa tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri fl-obbligu tagħhom li jipprovdu rapport komplut li jkun fih l-elementi kollha tad-dejta elenkati fl-Artikolu 26(1)(a) sa (e) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 fiż-żmien meħtieġ.

Għall-finijiet tal-konsistenza tas-sottomissjonijiet nazzjonali u sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġu megħjuna jissodisfaw l-obbligu tagħhom tar-rappurtar fil-futur, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola standard tar-rappurtar f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Id-diskussjonijiet dwar din il-formola standard għandhom jgħinu biex jiġu ċċarati xi mistoqsijiet rigward in-natura tad-dejta li għandha titressaq, ħaġa li mbagħad għandha tgħin lill-Istati Membri jorganizzaw il-ġbir tad-dejta fil-ħin għall-perjodu tar-rappurtar li jmiss. Fl-aħħar nett, it-tlestija tal-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali mal-ERRU wkoll hija mistennija ttejjeb il-kwalità tad-dejta pprovduta.

Għall-perjodu tar-rappurtar li jmiss, jiġifieri għall-2013 sal-2014, l-Istati Membri kollha huma mitluba jikkonformaw mal-obbligu tar-rappurtar tagħhom, sabiex jippermettu t-tfassil ta' rapport sħiħ u biex jevitaw li jinbdew proċeduri ta' ksur kontrihom skont l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jħejju deskrizzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom għall-awtorizzazzjonijiet sabiex tkun tista' tingħata ħarsa ġenerali aktar affidabbli u ta' kwalità aħjar fuq livell Ewropew.

Ta' min wieħed jenfasizza li s-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri għadha ma ġietx implimentata. Il-Kummissjoni tappoġġja t-tisħiħ ulterjuri tagħha, li jwassal għal implimentazzjoni iktar konsistenti u effettiva tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 fl-Istati Membri kollha tal-UE.